

## IL-MADONNA TAL-GIRGENTI

Din hija s-santa kif pinġietha Ġuża Mifsud wara li kienet ratHa f'Wied il-Girgenti, fuq is-Siġra tan-naspli. Illum, fl-Għalqa fejn isiru l-Laqgħat ta' Talb, hemm statwa tal-Madonna bħal din ix-xbieha.

## INDIRIZZI SIEWJA

**Ta' Ġuża Mifsud**
16, St. James Street,
Siġġiewi.

**Tas-Segretarja**
Dr. Sylvana Spiteri LL.D.,
6/A2, Main Street,
Siġġiewi.

**Tal-Editur**
Brother Victor Privitera, F.S.C., B.A.,
Stella Maris College
Gżira.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

*No. 7 LULJU 1991* JITQASSAM BLA ĦLAS

## KONTRA D-DAGĦA

F'waħda mil-laqgħat tal-Kumitat tagħna, Ġuża żvelatilna li, f'kuntatt mal-Madonna, irċeviet direttiva biex issa, li hi resqet lejn tmiem il-ħajja tagħha, terġa' tibda tiddefendi l-Unur tal-Isem Imqaddes t'Alla, kif kienet għamlet fil-bidu ta' ħajjitha.

Għalhekk wissietna li minn issa 'l quddiem għandna nagħmlu ħilitna biex nippruvaw neqirdu dan il-vizzju misħut. L-ewwel pass kellu jkun li ssir laqgħa ta' talb apposta kontra d-dagħa li għaliha kellhom jiġu mistednin l-Awtoritajiet tal-Knisja u dawk Ċivili, kif infatti sar.

Ġew mistednin ukoll il-membri tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla u tfassal programm mill-Kumitat tagħna u r-rappreżentanti tax-Xirka.

Din il-laqgħa saret fil-5 ta' Ġunju 1991, kif ġie rappurtat f'paġna oħra ta' dan il-fuljett.

### AVVIŻ IMPORTANTI

- **Fil-laqgħa li jmiss, fis-7 ta' Lulju, Ġuża se titkellem fuq il-qdusija tas-Saċerdozju.**
- **Fit-28 ta' Lulju 1991, fis-6.00 p.m. se ssir il-LAQGĦA ĠENERALI, BIEX JINGĦAŻEL KUMITAT ĠDID.**
- **F'Awissu l-laqgħa tas-soltu se ssir il-ĦADD, fl-4 tax-xahar, fis-6.00 p.m.**

Veritas Press – Żabbar

# NIFHMU LIL ĠUŻA... (2)

**Il-Qawwa w il-Kobor tal-Mulej**

Sa minn tfulitha, Ġuża kienet tara l-Qawwa t'Alla fin-natura. F'waħda mill-aħħar laqgħat, Ġuża rrakkuntat ġrajja ta' tfulitha.

Darba, kif kienet fil-Wied tal-Girgenti qalb is-siġar, mhux bogħod ħafna minn fejn illum isiru l-laqgħat, beda tiela' sħab iswed u dlonk bdiet nieżla qliel ta' xita u jfaqqgħu s-sajjetti. Kienet xena li saħħret lil Ġuża li, minflok marret tistkenn meta ommha kienet qed issejħilha, baqgħet fejn kienet, titpaxxa tara l-qawwa tal-Mulej... fit-tfaqqigħ ta' dawk is-sajjetti!...

Illum, Ġuża spiss issemmi 'l-Id Setgħana tal-Mulej" meta twissina kontra d-dnubiet tad-dinja.

Hafna drabi, waqt id-diskorsi tagħha waqt il-laqgħat, f'daqqa waħda tieqaf titkellem u għal ftit sekondi tgħolli dawk l-għajnejn ileqqu lejn is-sema waqt li tbissima tixref fuq xofftejha u minn fommha toħrog għajta ferrieħa: "Mulej, kemm qed tagħmel affarijiet kbar!" ...jew "Is-sema u l-art huma mimlija bl-egħġubijiet tiegħek!" ... Spiss issemmi: "Il-Mulej tal-Eżerċiti..."

Dawn huma kollha espressjonijiet li nsibu fl-Iskrittura Mqaddsa. Imma għal Ġuża dawn għandhom tifsira aktar profonda milli s-soltu nifhmu aħna.

**Is-Sinjura tal-Ħajja**

Ġuża, lill-Madonna, issejħilha "Is-Sinjura tal-Ħajja". In-nies drat dan it-titolu; bħal meta tisma' min igħid: "Immorru nżuru s-Sinjura tal-Ħajja."

Għal Ġuża dan mhux sempliċi titlu ieħor imma verità profonda li turi x-xogħol spiritwali li l-Madonna twettaq fina ma' l-Ispirtu s-Santu.

Kif Ġesù ġie ffurmat fil-ġuf purissmu ta' Marija, Ommu, bl-opra tal-Ispirtu s-Santu hekk ukoll aħna qed niġu ffurmati fil-grazzja, minn Ommna Marija permezz tal-Ispirtu s-Santu, sakemm nitwieldu għall-ħajja ta' dejjem. Aħna l-ħin kollu ninsabu maħkumin minn dik l-imħabba ħerqana ta' Ommna Marija, is-Sinjura tal-Ħajja!

Fis-Salve Regina, aħna nsellmu lill-Madonna bħala: "Il-Ħajja". Għall-mistoqsija: "Għaliex lill-Madonna issejħilha "is-Sinjura tal-Ħajja", Ġuża wieġbet: "Il-Madonna hi dejjem ħajja; jien dejjem rajtha ħajja tad-demm u l-laħam bħalek u bħali."

Niftakru li Ġuża għandha sens spiritwali aktar profond milli għandna aħna... u, kif tgħid hi, hi tara affarijiet li aħna ma narawx.

**B.V.P.**



# MARIJA FIL-PJAN ETERN T'ALLA

Sa mill-eternità, Marija kienet l-għaxqa tas-Santissma Trinità. Infatti l-Qaddisin Marjani, bħal San Bernard, San Gabriel tal-Addolorata, Sant Efrem u oħrajn igħallmuna li

- Alla l-Missier sejħilha u għażilha bħala Bintu prediletta;
- Alla l-Iben għażilha Omm tiegħu naturali biex seta' jsir bniedem meta jasal żmien il-Fidwa;
- Alla l-Ispirtu s-Santu għażilha bħala l-Għarusa l-aktar qaddisa tiegħu.

Mingħajr dubju, meta s-Sinjur Alla wasal biex, fil-milja taż-żmien joħloq l-univers bis-sbuħija kollha tiegħu, Marija kienet ħdejh biex setgħet tkun Hi dik il-Qawsalla unika li, fl-il-wien tagħha, tinħass u ssaltan il-vera paċi fil-ħajja tal-bniedem.

Sa mill-ewwel mument tal-eżistenza tal-bniedem, Marija nħasset bħala l-ĦOLQA, il-PONT, it-TREJQA waħdanija ta' bejn il-Perfezzjoni tal-Qdusija t'Alla u d-dinjità tal-imsejken kapolavur tal-istess imħabba per eċċellenza, il-bniedem impoġġi fil-prova.

Infatti meta x-xitan qarraq bl-ewwel bnedmin, Adam u Eva, Alla wiegħed 'il Marija, bħala l-Mara rebbieħa fuq kull ħażen. Naqraw fil-Ktieb tal-Ġenesi, li Alla qal lis-serpent: "Talli int qarraqt bil-bniedem, jiena nqajjem gwerra bejnek u bejn Mara, bejn nislek u nisilha u Hi tisħaqlek rasek."

Din il-Mara mwegħda hi Marija Immakulata. Il-preżenza reali ta' Marija Addolorata, wieqfa fuq il-Kalvarju, ħdejn is-Salib ta' Binha Ġesù, tisimgħu ilissen it-testment mimli mħabba tiegħu għalina, tarah isofri l-għatx u ż-żebliħ, tarah imut u mbagħad tikkontemplah fi ħdanha, hi l-akbar xhieda ta' dil-verità.

Is-Sliem għalik, Marija, li maż-żmien kellek issir Omm il-Feddej, Ġesù Kristu Sidna, bl-opra qaddisa tal-Ispirtu s-Santu, Alla.

Sliem għalik, Marija, il-Mara l-aktar qaddisa, l-eqreb lejn Alla, l-aktar li għaraft, ħabbejt u emmint f'Alla.

Sliem għalik Marija, il-Medjatriċi tagħna lkoll li permezz tiegħek naslu għandu Ġesù.

Nirringrazzjawkom, Tliet Persuni tas-Santissma Trinità f'Alla wieħed talli fil-Magħżula Tagħkom tajtuna Omm li tħobbna u tħenn għalina.

Il-Madonna tberikna.

**Dun Zaren Tonna**



# L-AĦĦAR LAQGĦAT TA' TALB

## IL-LAQGĦA TA' APRIL 1991

Kienet sorpriża għal kulħadd meta wasalna fl-għalqa santwarju u lmaħna l-istatwa tal-Madonna miżbugħa b'libsa bajda u mant ikħal, wiċċha w idejha kulur il-laħam u għajnejha żoroq.

Ġuża ma ħadetx pjaċir b'din il-bidla u wissiet lil kulħadd li m'għandna nagħmlu xejn fil-għalqa mingħajr permess tal-Kumitat. Iżda Ġuża qalet li se tħalli l-istatwa kif inhi.

F'din il-laqgħa ġie inawgurat apparat ġdid ta' xandir. Osservajna li d-diskorsi u t-talb instemgħu ċari minn kullimkien.

Wara li tkellmet Ġuża, is-Segretarja qrat diskors li kien ġie irrekordjat nhar il-Ħamis ix-Xirka, it-28 ta' Marzu 1991 u kmieni filgħodu tal-Ġimgħa l-Kbira. Ġuża iddeskriviet it-tbatija u l-esperjenzi li għaddiet minnhom fil-lejl ta' bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa.

## IL-LAQGĦA TAL-5 TA' MEJJU 1991

Kull sena, fil-5 ta' Mejju nagħmlu l-Festa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, 'Il-Madonna tal-Girgenti'. L-Għalqa Santwarju kienet imżejna għall-okkażjoni bil-bandalori u bozoz ikkuluriti tal-elettriku u tiżjin ieħor. Il-folla attendiet numeruża.

Wara t-talb tas-soltu, waslet Ġuża. Fid-diskors tagħha hi semmiet il-laqgħa li kellha ssir fil-5 ta' Ġunju biex infaħħru l-Isem imqaddes t'Alla u npattu għad-dagħa li tant kiber hawn Malta.

F'messaġġ li nqara, Ġuża semmiet il-kuntatti li kellha mal-ispirtu tal-mejjet Mons. Salv. Grima li ħeġġiġha biex tkompli l-ħidma tagħha minkejja n-nuqqas ta' saħħa li qegħda tħoss.

## IL-LAQGĦA TAL-5 TA' ĠUNJU 1991

Kif kien ipprogrammat, il-laqgħa kontra d-dagħa saret fil-5 ta' Ġunju. It-temp kien perfett; sema ċar bla sħab, xejn sħana anzi waqa' l-frisk kifn bdiet nieżla x-xemx.

Fis-6.15 p.m. bdejna t-talb. Fis-6.30 waslet Ġuża kif ukoll Patri Anġeliku Vella u sieħbu George Agius. It-talb waqaf u tkellmet Ġuża. Il-messaġġ kien wieħed: ma nibżgħux niġġieldu biex neqirdu d-dagħa. Is-Segretarja qrat messaġġ li Ġuża kienet irrekordjat qabel, u li fih din irrakkontat kif raġel li kien jidgħi u li għalih hi kienet titlob ħafna miet mingħajr ma kien għadu qata' l-vizzju tad-dagħa. Baqgħet titlob ħafna għalih wara mewtu. Minkejja li kien jidgħi kien jisma' l-quddies kuljum u jgħid ir-rużarju. Wara erbatax-il sena li ilu mejjet. Ġuża kellha kuntatt miegħu fejn għarrafha li kien salva permezz tar-rużarju li kien igħid u tat-talb li Ġuża għamlet għalih.

Imbagħad għedna r-rużarju u wara kellimna Patri Anġeliku. Ma stajniex ma nifhmux il-messaġġ tiegħu. Id-dagħa jiġbed is-saħta t'Alla fuq l-individwu u l-familja tiegħu; jeqred kull paċi tal-qalb; jitfa' l-pajjiż lura u jistieden il-kastigi tal-Ġustizzja t'Alla. L-eżempji li tana Patri Anġeliku urew biċ-ċar dan kollu. Aħna nistgħu nagħtu l-kontribut tagħna billi bil-kuraġġ kollu u bla mistħija nuru d-dispjaċir tagħna meta nsibu ruħna fil-preżenza ta' nies li ma jistħux jidgħu.

George Agius kellimna għal ħmistax-il minuta biss, u għalaq din il-laqgħa memorabbli. Il-mod sempliċi u effettiv ta' kif tkellem George żamm lil kulħadd imdendel ma' xofftejh, fost tbissim u ċapċip tal-folla kbira li attendiet għal din il-laqgħa.

Fl-aħħar tal-laqgħa, bl-akklamazzjoni tal-folla l-istatwa tal-Madonna ġiet inkoronata fost ċapċip u tifħir lil Ommna Marija.

Ta' min isemmi wkoll li x-xogħol li nbeda biex l-għalqa tieħu sura aħjar għan-nies li jiġu jitolbu, hu avanzat ħafna u ta' dan għandna nirringrazzjaw lill-Perit Philip Azzopardi li qed imexxi x-xogħlijiet tal-Girgenti.



# GRAZZJI MAQLUGĦA

NIRRIKMANDAW lil dawk li jirrapurtaw xi grazzja maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex jiktbu fil-qosor dak li jkun ġara fuq formoli apposta li jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarja waqt il-laqgħat il-Girgenti. Jekk hemm bżonn, l-Editur ta' dan il-fuljett lest li jintervista lill-korrispondent. Iċ-ċertifikat tat-tabib għandu importanza kbira.

## KELLU GĦAJNU KERHA

Ġuvni min-Nadur, Għawdex, meta kellu 24 sena, fl-1984, telagħlu laħam ħażin wara l-ħabba ta' għajnu, b'mod li din l-għajn imbeżqet 'il barra tant li ħadd ma kien jissogra jħares lejn wiċċ dan il-ġuvnott.

Ommu iddubbat flixkun ilma li ħabiba tagħha ġabitilha mingħand Ġuża Mifsud. Bdiet titlob lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex tfejqu u raxxet l-ilma fuq l-imħadda li fuqha binha kien imidd rasu. Bil-mod il-mod għajn dan iż-żagħżugħ bdiet tidħol 'il ġewwa, sakemm, ġimgħat wara, sabet postha mingħajr ebda kura medika.

Meta dan il-ġuvnott mar għand l-ispeċjalista Soler biex ineħħilu il-laħam ħażin li kien telagħlu f'moħħu u rrakkuntalu x'kien ġralu f'għajnu u kif din kienet fieqet waħedha, is-Sur Soler stagħġeb u ma setax jifhem kif dan il-fejqan seta' sar.

Nota tal-Editur: Jiena stess intervistajt lil din il-familja li ma tixtieqx ixxandar isimha. Jien rajt ukoll dan ir-raġel imsemmi hawn fuq u smajt l-istorja kollha mingħand ommu stess fil-preżenza ta' bintha l-kbira.